## Is-sinifikat tal-Ħadd tal-Ħniena Divina




Fis-Sena 2000, is-Sena tal-Ġublew, waqt il-quddiesa tal-kanonizzazzjoni ta' Suor Fawstina Kowalska, Papa Ġwanni Pawlu II, iddikjara t-tieni Ħadd tal-Għid, bħala l-Ħadd tal-Ħniena Divina.

Swor Fawstina kienet soru Pollaka li kellha viżjonijiet minn Ġesù, inkluż viżjoni ta' Ġesù liebes l-abjad u raġġi ħomor u bojod ħerġin minn qalbu. Aktar tard din saret ix-xbieha tal-Ħniena Divina. Fid-djarju tagħha, hija kitbet li Ġesù qal hekk:

"Jiena nixtieq li din ix-xbieha tiġi esposta fil-pubbliku fl-Ewwel Ħadd tal-Għid. Dak il-Ħadd hija l-Festa tal-Ħniena…Binti, għid lid-dinja kollha bil-ħniena Tiegħi li ħadd ma jista' jimmaġinaha. Jiena nixtieq li l-Festa tal-Ħniena tkun kenn u rifuġju għall-erwieħ kollha u l-aktar għall-imsejkna midinbin. F'dan il-jum, tinfetaħ il-profondita' sħiħa tal-ħniena tenera Tiegħi. Jiena nferra' oċejan sħiħ ta' grazzji fuq dawk l-erwieħ li jersqu lejn l-għajn tal-ħniena Tiegħi."

Skont il-viżjoni, dawk li jitqarbnu u jmorru jqerru fil-festa tal-ħniena, jirċievu maħfra sħiħa tad-dnub.

Fil-Ħadd tal-Ħniena Divina, niffukaw fuq ir-rigal tal-ħniena u mħabba li ngħatajna permezz tal-mewt, id-difna u l-qawmien ta' Kristu. Hekk kif qal San Ġwanni Pawlu II, "Il-Ħniena Divina tasal għand il-bniedem mill-qalb ta' Kristu msallab."